Is-Swieqi
LOCAL COUNCIL

MINUTI

LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI S-SWIEQI

ID-DISA' LEĠISLATURA 2024

SEDUTA NUMRU 32

Il-Kunsill Lokali tas-Swieqi iltaqa f'seduta nhar it-Tnejn 5 ta'Jannar 2026 fil- 16.16

**Preżenti:**

| | | |
|---|---|---|
| Noel Muscat | - | Sindku |
| Jordan Galea Pace | - | Viċi Sindku |
| Mary Anne Abela | - | Kunsillier |
| Teresa Valentino | - | Kunsillier |
| Anna Pisani | - | Kunsillier |
| Miguel Balzan | - | Kunsillier |
| Edgar Rossignaud | - | Kunsillier |
| Lucia Vassallo | - | Kunsillier |

Uffiċjal Preżenti: Clarissa Buhagiar – Segretarju Eżekuttiv

*Il-Kunsillieri R. Scicluna talbet sabiex tkun skużata.*

Is-Sindku qal it-talba u awgura s-sena ta-tajba lil membri u l-istaff kollu tal-Kunsill.

Noel Muscat
Sindku

Clarissa Buhagiar
Segretarju Eżekuttiv

32.1 APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

32.1.1 Il-Minuti tas-Seduta Nru. 31 ġew approvati hekk kif emmendati. Il-Kunsillier A.Pisani pproponiet u l-Kunsillier A.Rossignaud issekonda.

32.2 PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI

32.2.1 Il-Kunsillier A.Pisani staqsiet jekk hemmx xi indikazzjoni meta se tiġi ttrimjata is-siġra fi Triq il-Faxxina k/m Triq il-Qasam. Is-SE infurmat li se terġa' tfakkar lill-kuntrattur.

32.2.2 Il-Kunsillier T. Valentino staqsiet jekk hemmx xi progressi ġodda dwar il-proġett ta' restawr tal-Militiary Wall tal-Madliena. Is-SE infurmat li skont l-aħħar żvilluppi jidher, li x-xogħol huwa pjanat għall-aħħar ta' Frar.

32.2.3 Il-Viċi Sindku staqsa jekk hemm xi informazzjoni dwar meta Triq il-Għajn se tingħata t-tarmak. Is-Sindku nforma li din qiegħda skedata fl-pjan ta' IM. Jidher li dan ix-xogħol se jkun qed jibda' wara Triq il-Ktajjen.

32.2.4 Il-Kunsillier E.Rossignaud staqsa jekk kienx hemm xi progressi dwar it-tiswijiet tal-madum ta' Pjazza Uqija. Is-Sindku nforma li saru testijiet neċċessarji mill-Perit tal-Kunsill u irriżulta li l-materjal ta' bejn is-sodda u l-madum huwa difettuż u b'hekk sfrondat. Wara diskuzzjoni, ġie deċiż li dan ix-xogħol huwa ferm importanti li jsir u għaldaqstant il-Kunsill unanimament qabel li jsir. Is-SE infurmat li ma jistgħux jintużaw il-fondi ta' DPF għal dawn it-tiswijiet.

32.2.5 Il-Viċi Sindku u l-Kunsillier M.Abela infurmaw li hemm numri ta' tabelli ta' No-Entry li kienu ġew installati meta kienu qed jsiru x-xogħlijiet tal-WSC fi żona ta' Triq id-Dris u Triq l-Għarbiel. Is-Sindku nforma li dawn għalissa ma jistgħux jitneħħew minħabba li fadal ix-xogħlijiet ta' asfaltar xi jsir.

*Il-Kunsillier A.Pisani talbet sabiex tkun skużata. Il-ħin kien 16.34.*

*Is-Sindku talab sabiex tkun sospiża s-Seduta minħabba li se jkun qed jiġi diskuss il-Performance Bonus tas-sena 2024. Il-ħin kien 16.35.*

*Din is-Seduta reġgħet bdiet fil-16.45. Is-Sindku nforma li l-Kunsill unaninament qabel li japprova*

Noel Muscat
Sindku

Clarissa Buhagiar
Segretarju Eżekuttiv

32.3 RAPPORT MIS-SINDKU

32.3.1 Is-Sindku ppreżenta rapport idettaljat tal-ħidma tiegħu. Dan se jkun anness ma' dawn il-Minuti bħala App. A.

32.3.2 B'referenza għall-attivitajiet tal-Milied li saru fi 13 u l-14 ta' Diċembru 2025, is-Sindku rringrazzja lil dawk kollha involuti fl-organizazzjoni ta' dan il-vilaġġ tal-Milied. Kien hemm attendenza tajba speċjalment il-Ħadd filgħodu. L-attivitajiet ta' tfal jihder li intlaqgħu tajjeb ħafna kemm mit-tfal kif ukoll mill-ġenituri. Fl-14 ta'Diċembru, is-Sindku ppreżenta wkoll *tokens* lil dawk it-tfal li rebħu bl-aħjar tpinġija tal-komptezzjoni tal-Milied. Is-Sindku rringrazzja lil Kunsillier A.Pisani kif ukoll lil Sa. Asha Caruana ta' din l-inzjattiva sabiħa.

32.3.3 Fil-11 ta'Diċembru, sar festin zgħir għall-anzjani fis-sala tal-Kunsill. Kien hemm attendenza tajba u il-kantant Freddie Portelli intlaqa' tajjeb minn dawk li attendew. Is-Sindku rringrazzja lil Kunsilliera T.Valentino flimkien mal-istaff tal-Kunsill li ħadu ħsieb jorganizzaw din l-attivita'.

32.3.4 Nhar il-15 ta' Diċembru, is-Sindku nforma li flimkien mal-Perit tal-Kunsill u s-SE attendew għall-laqgħa fl-uffiċini ta' CRPD dwar il-kwistjoni tal-installazzjoni ta' *chairlift*. Ir-rappreżentanta ta' CRPD talbet għall-korrispondenza kollha u s-SE reġgħet għaddiet kopja ta' kollox hekk kif mitlub. Issa nistgħu nikkonermaw li CRPD aċċettaw li jiġi installat dan *chairlift* b'dawk il-qisien u għalhekk se jkunu qed isiru l-kuntatti neċċessarji mal-kuntrattur.

32.3.5 Fil-15 ta' Diċembru, saret laqgħa wkoll ma' Sur Scerri mill-MTA dwar l-installazjoni ta' *CCTV cameras* ġodda. Skont l-aħħar informazzjoni jidher li l-STRAND huma lesti li jkomplu dan is-servizz u jekk dejjem jippermettu ċ-ċirkustanzi, sa 13 ta'Jannar se jkunu kollha installati. Is-Sindku nforma li dawn il-*cameras* se jiu ffinanzjati mill-MTA u se jkunu *monitored* mill-LESA 24/7. Il-Kunsill se jkun qed jkopri l-ispejjeż relatati mal-provista tad-dawl u l-*internet.*

32.3.6 Is-Sindku nforma li nhar il-15 ta' Diċembru wkoll sraet laqgħa mar-rappreżentati ta' IM dwar il-pjan tal-ħidma propost minnhom għall-lokalita' tagħna għas-sena 2026. Dan ir-rapport se jkun anness- App B.

32.3.7 Fis-16 ta' Diċembru, l-Active Ageing Group immexxija mill-Kunsillier T.Valentino organizza l-ikla tal-Milied. Kien hemm attendenza tajba ħafna. Is-Sindku nforma li huwa wkoll kien preżenti u rringrazzja lil dawk kollha li għenu fl-organizazzjoni bħal s-Sa. Miriam Decelis.

32.3.8 Fis-17 ta' Diċembru, l-Ministru Miriam Dalli bgħatet stedina lil Kunsill, sabiex jattendi għal laqgħa fis-sit tal-White Rocks sabiex il-Kunsill jkolli overview ċara ta' x'inhu propost li jsir mill-Gvern Ċentrali. Għal din l-attivita attendew il-Viċi Sindku, il-Kunsillier M. Abela u s-SE.

32.3.9 Is-Sindku nforma li attenda għall-laqgħa mal-iżvillupatur, Sur Stivala flimkien mal-Perit Valentino dwar l-iżvillup propost ta' hotel fuq l-ex Top-Line. Il-Kunsill kien oġezzjona għal dan l-iżvillup minħabba l-influs ta' traffiku u nuqqas ta' un/loading bays għall-visitaturi.

Noel Muscat
Sindku

Clarissa Buhagiar
Segretarju Eżekuttiv

32.3 RAPPORT MIS-SINDKU- ikompli

32.3.10 Fl-20 ta' Diċembru, is-Sindku flimkien mal-Kunsillieri T.Valentino u M. Abela ippreżentaw r-rigali miġbura matul l-attaiviatjiet tal-Kunsill lil Puttinu. Is-Sindku saħaq li dan kien kunċett sabiħ ħafna li juri l-valur vera tal-Milied.

32.3.11 Fi 3 ta'Jannar, saret l-attivita' fil-Kapella tal-Madliena sabiex jingħalqu l-attiviatjiet tal-Milied għas-sena 2025. Il-Kappillan qaddes il-quddies u wara kien hemm il-kor professjonali Amadeus imexxi mill-Maestro Brian Cefai. Hu rringrazzja lil dawk kollha li għenu fl-organizazzjoni ta' din l-attvita' speċjalment lil Kunsillier M.Abela bl-għajnuna tal-Kunsillier T. Valentino u s-Sinjuri Caruana.

32.3.12 Fl-4 ta'Jannar, is-Sindku nforma li saret l-attivita' b'kollaborazzjani mal-Breast Clinic Malta. Is-Sindku rringrazzja lil Mr Caruana Dingli ta' din l-opportunita' u tal-kooperazzjoni tiegħu. Bis-saħħa ta' din l-inizjattiva, inżergħu aktar minn 40 siġra/arbuxell fiż-żona ta' wara Madalena Fort.

32.3.13 B'referenza għax-xogħlijiet ta'tarmak, is-Sindku nforma li x-xogħlijiet ta' Triq il-Ħemel u Triq il-Bramel issa huma kompluti minn kollox u se jkunu qed isiru s-sinjali ta' traffiku fil-jiem li ġejjin. Rigward ix-xogħolijiet ta' Triq ix-Xiber, is-Sindku nforma li sa issa sar l-ewwel saff ta' tarmak fil-biċċa ta' isfel bejn Siegħ u Pulzier. Hu nforma wkoll li fil-jiem li ġejjin se jkunu qed jibdew ix-xogħlijiet ta' Triq l-Għarbiel, Triq il-Ġwielaq u wara Triq il-Għajn, Triq il-Ktajjen u Triq id-Dris.

32.3.14 Is-Sindku ressaq proposta li ssir *planter* ġdida fi Triq il-Għajn k/m Triq il-Ktajjen. Kien hemm qbil unanimu dwar dan. Il-Perit tal-Kunsill intalab jagħmel pjanta u IM aċċettaw li jagħmlu dawn ix-xogħolijiet.

32.3.15 Xogħlijiet fuq proġetti kapitali:

Triq is-Swieqi (b'kollaborazzjoni ma'Project Green)

Dan il-proġett intbagħat għall-aprovvazjoni ta'TM u hekk kif jkollna l-approvazzjoni se nkunu nistgħu nibdew. Hemm bżonn li b'mod immedjat jiġu nfurmati r-residenti tal-madwar. Is-SE infurmat li diġa' bgħatet draft tal-ittra li huwa pjanat li tinbagħat lil Kunsilliera għall-approvazzjoni.

Ġnien it-Tabib Mario Tabone (b'kollaborazzjoni ma'Project Green)

Skont l-aħħar informazzjoni li l-Kunsill għandu minn naħa ta' PG, jidher li x-xogħol huwa pjanat li jibda' lejn nofs Frar.

Noel Muscat
Sindku

Clarissa Buhagiar
Segretarju Eżekuttiv

32.3 RAPPORT MIS-SINDKU- ikompli

32.3.15 Boundary wall – Ġnien M. Caruana Curran

Dawn ix-xogħoljiet jinstabu fi stat avvanzat u jidher li sal-aħħar ta'Jannar se jkunu qed jitlesta x-xogħol kollu relatat man-naħa ta' Triq il-Ħemel.

*Planter* ġdid – Triq il-Qasam k/m Triq il-Wiżna

Is-Sindku nforma li TM apprivaw dawn ix-xogħolijiet u għaldasqtant il-Perit tal-Kunsill se jkun qed japplika mal-PA għal DNO Permit u tiġi ppreparat wkoll l-applikazzjoni għall-fondi ta' DPF.

32.3.16 Is-Sindku nforma li nhar il-5 ta' Frar, se tkun għaddiet sena mill-mewt tal-Mons. Victor Grech. Is-Sindku ppropona li flimkien mal-Caritas jsir ċelebrazzjoni żgħira quddiem il-monument li l-Kunsill għandu fl-istess ġnien iddedikat lil Monsinjur. Kien hemm qbil unanimu dwar. Il-Kunsillier A.Pisani se tkun qed tagħmel kuntatt mal-Caritas.

32.4 APPROVAZZJONI TA' PAGAMENTI U XIRI IEĦOR

32.4.1 L-iskeda tal-pagamenti nru. 20 ġiet approvata minn dawk preżenti. Din l-iskeda intbagħet permezz ta' imejl lil kull Kunsillier minn qabel. Il-Kunsillier A.Pisani pproponiet u l-Kunsillier E.Rossignaud issekonda.

32.5 KOMMUNIKAZZJONI MIS-SEGRETARJU EŻEKUTTIV

32.5.1 Is-SE ppreżentat l-Appraisal Reports għas-sena 2025 tal-istaff tal-Kunsill. Dawn ir-rapporti intbagħtu permezz ta' imjel minn qabel lil kull Kunsillier. Kien hemm qbil unanimu li dawn jiġu approvati hekk kif inhuma ppreżentati.

32.5.2 Is-SE infurmat li minħabba r-riżenja ta' waħda mill-impjegati, ġiet sottometta l-applikazzjoni lil DLG għall-vakanza ta' impjegata oħra.

Noel Muscat
Sindku

Clarissa Buhagiar
Segretarju Eżekuttiv